**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru 2/2020 RM**

**Jason Micallef**

**-Vs-**

**Paul Borg Olivier**

**Illum, 5 ta' Frar 2024**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Jason Micallef fid-9 ta' Jannar 2020 fir-Reġistru, fejn prevja illi jigi dikjarat u deċiż li l-*post* li ġie pubblikat mill-konvenut Paul Borg Olivier fuq il-pjattaforma elettroniku Facebook tal-istess intimat fit-2 ta' Jannar 2020 (screenshot anness u mmarka bhala Dokument 'A') apparti li kien jikkontjeni allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet invertieri u foloz kien malafamanti u libelluz fil-konfront tal-Attur u ntiż bi skop li joffendi u/jew inaqqas l-unur, ir-reputazzjoni u l-gieħ tal-Attur u li jesponuh ghar-redikolu u disprezz tal-pubbliku u/jew iħammġu r-reputazzjoni tiegħu u dan kollu kif ser jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawza, u tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lill-Attur dik is-somma li tiffissa l-istess Onorabbli Qorti. liema somma ma teċċediex l-ammont ta' ħdax il-elf, sitt mija u erbgħin Ewro (€11,640) bħala danni morali a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta ppreżentata mill-konvenut Paul Borg Olivier fis-7 ta' Jannar 2021 fejn eċċepixxa illi l-pubblikazzjoni mhijiex malafamanti ai termini tal-Kap. 579 għaliex:-

*"Illi kif jiġi muri waqt is-smiegħ, dak ippublikat jikkostitwixxi espressjoni ragjonevoli ta' opinjoni politika bażata fuq fatti magħrufin u materjalment korretti u in oltre ma jikkostitwixix malafama serjament pregedukanti kif trid li-liġi meta si tratta persuni fiċ-ċirkostanzi tar-rikorrent.*

*Bl-ispejjeż"*

Rat id-digriet mogħti fid-29 ta' Ottubru 2020 għall-fini tal-Artikolu 10 tal-Kap. 579 fejn ordnat lill-partijiet jgħaddu minn proċess ta' medjazzjoni għar-riżoluzzjoni bonarja tal-vertenza, liema proċess kellu jiġi konkluż sa mhux iktar tard mill-aħħar ta' Diċembru 2020;

Rat in-nota tal-Medjatur Dr. Noel Bartolo tas-7 ta' Jannar 2021 fejn iddikjara li wara s-seduta li nżammet fid-9 ta' Diċembru 2020, il-medjazzjoni ġiet magħluqa minħabba nuqqas ta' ftehim;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur ippreżentat fit-22 ta' Settembru 2023 in ottemperanza tad-digriet mogħti fil-31 ta' Mejju 2023;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva ppreżentata mill-konvenut fis-27 ta' Novembru 2023 in ottemperanza tad-digriet mogħti fil-25 ta' Settembru 2023;

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' Novembru 2023 fejn laqgħet it-talba konġuntiva tal-partijiet biex tingħata seduta għas-smigħ tas-sottomissjonijiet orali finali;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli avukat tal-attur fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2024;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni għal malafama istitwita taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kapitolu 579). Il-publikazzjoni impunjata mill-attur f'din il-kawża tikkonsisti f'*post* fuq il-paġna fuq Facebook tal-konvenut, Paul Borg Olivier, bis-segwenti kliem akkumpanjat minn immaġini ta' ħmar u minnufih taħtu, ritratt tal-attur:-

"*Jason Micallef is one big wannabe himself. A politically corrupt person himself, stripped of all financial powers from VCA.*"

**Jason Micallef**, l-attur, xehed li huwa ħassu aggravat bil-pubblikazzjoni għaliex hija stqarrija "*oxxena*" li tagħmel allegazzjonijiet ferm serji. Jgħid illi din il-pubblikazzjoni offendietu ħafna u tagħmillu wkoll ħsara mhux biss personalment iżda wkoll fil-ħajja pubblika tiegħu bħala Chairman mhux Eżekuttiv tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta u bħala persuna politika li fil-passat kien ikkontesta u ġie elett fl-elezzjonijiet tal-Gvern Lokali, u kien kandidat ukoll għall-elezzjonijiet Ġenerali u għall-elezzjonijiet interni fl-amministrazzjoni tal-Partit Laburista, fejn kien okkupa għal numru ta' snin il-kariga ta' Segretarju Ġenerali. L-attur xehed illi huwa ma jeskludix li fil-futur jikkontesta elezzjonijiet oħrajn u sostna illi stqarrija bħal dik impunjata hi intiża biex tfixkel il-prospetti politiċi tiegħu kif ukoll tħammeġ ir-reputazzjoni professjonali tiegħu bħala direttur ta' One Productions Limited u

Chairman ta' kumpannija kummerċjali oħra. Ċaħad illi qatt ġie investigat jew interrogat minn ebda entita' in konnessjoni ma' xi każ dwar allegat korruzzjoni jew korruzzjoni politika.

In kwantu speċifikatament ir-rwol tiegħu fi ħdan l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, l-attur xehed illi bħala Chairman mhux Eżekuttiv, huwa jmexxi l-Bord tad-Diretturi tal-Aġenzija liema Bord għandu l-funzjoni illi jara li l-politika tal-Aġenzija u t-tmexxija tagħha tkun waħda ġusta u korretta. Fisser illi l-Aġenzija ġiet imwaqqfa bejn Marzu u April 2019 biex tissostitwixxi l-Fondazzjoni Valletta 2018[1] meta ġie biex jiskadi ż-żmien li għalih ġiet imwaqqfa l-Fondazzjoni. Huwa kien jokkupa l-kariga ta' Chairman tal-Bord tal-Gvernaturi ta' din il-Fondazzjoni. Il-ħsieb wara t-twaqqif tal-Aġenzija bħala entita' tal-Gvern kien li jitkompla l-legat tal-Fondazzjoni u tkompli twettaq l-istruttura u l-programm kulturali ta' Valletta 2018 sabiex ma jintilfix ix-xogħol kollu li kien laħaq sar kif ukoll sabiex issostni l-impiegi li kienet ħolqot il-Fondazzjoni. L-attur sostna illi bħala Chairman mhux Eżekuttiv tal-Aġenzija, huwa baqa' jgawdi mill-istess poteri finanzjarji li kellu bħala Chairman tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Fondazzjoni Valletta 2018, ċioe' jiffirma *cheques* bħala wieħed minn żewġ firmataji, u japprova l-ħlasijiet kollha li jsiru mill-entita' u kkonferma li ma kien hemm ebda tibdil fil-poteri li kellu bħala Chairman tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Fondazzjoni V18 u Chairman tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta. Ċaħad illi huwa kellu rappreżentanza legali tal-Fondazzjoni taħt l-Istatut tagħha u sostna li kien id-Direttur Eżekuttiv li kellu setgħa jirrappreżenta u jikkuntratta għan-nom tal-Fondazzjoni, iżda kkonferma illi fi ħdan l-Aġenzija il-*procurements* jiġu approvati minnu u mill-Kap Ezekuttiv filwaqt li taħt il-Fondazzjoni, l-akkwisti pubbliċi (*procurements*) kienu jiġu approvati minnu bħala Chairman u mid-direttur eżekuttiv.

**Catherine Tabone**, il-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt, Valletta, xehdet li ilha tokkupa dan ir-rwol sa minn meta twaqqfet l-Aġenzija f'Marzu 2019. Mix-xhieda tagħha jirriżulta wkoll li hija kienet tokkupa l-kariga ta' direttur eżekuttiv tal-Fondazzjoni Valletta 2018 minn Marzu 2017 sakemm il-Fondazzjoni ġiet fi

[1] The Valletta European Capital of Culture 2018 Foundation.

tmiemha. Xehdet ukoll illi flimkien mal-attur, hija firmatarja tac-*cheques* li jinħarġu mill-Aġenzija għall-ħlas ta' *invoices* u ma kien hemm assolutament l-ebda tibdil fil-proċeduri u poteri finanzjarji bejn dawk li kienu applikabbli taħt il-Fondazzjoni u dawk fis-seħħ illum fl-Aġenzija. Ikkonfermat illi l-unika investigazzjoni li kienet saret fir-rigward tal-Fondazzjoni kienet l-*audit* li twettaq mill-Uffiċju Nazzjonali tal-Verifika (NAO) meta ġew biex jingħalqu l-kontijiet tal-Fondazzjoni fiż-żmien meta din ġiet fi tmiemha, iżda sostniet li dan l-*audit* kellu jsir bħala proċedura standard. Xehdet ukoll li bid-delega li ħadet mingħand il-Bord tal-Gvernaturi tal-Fondazzjoni kienet hi stess li tikkommissjona u tiffirma l-kuntratti għall-provvista ta' servizzi lill-istess Fondazzjoni.

**Paul Borg Olivier**, il-konvenut, fix-xhieda tiegħu fisser li huwa kien ippubblika l-istqarrija "*Jason Micallef is one big wannabe himself*" fl-isfond u b'rejazzjoni għal *post* li kien ippubblika l-attur innifsu fuq Facebook ftit tal-ħin qabel, fejn kien sejjaħ lill-kantanta Alexandra Alden "*Malta's Lady Gaga wannabe*", meta kien ġie mħabbar li sejra tipparteċipa fil-Kunċert kontra l-Korruzzjoni[2]. Qal illi b'dak il-kumment l-attur kien qed jipprova jiddemonizza lil din il-persuna sempliċement għaliex riedet tipparteċipa f'attivita' kontra l-korruzzjoni.

Xehed ukoll illi meta l-attur kien assuma l-pożizzjoni ta' Chairman tal-Fondazzjoni Valletta 2018, kien qal pubblikament waqt intervista pubblikata f'The Malta Independent fis-26 ta' Mejju 2013[3] li kien sejjer jirriżenja mill-kariga tiegħu bħala Chairman ta' One Productions Limited biex iwarrab kull nozzjoni ta' partiġjaniżmu politiku. Madankollu, baqa' qatt ma rriżenja bir-riżultat li l-attur spiċċa jokkupa dawn iż-żewġ karigi kontemporanjament. Spjega wkoll illi meta ġiet imwaqqfa l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, il-persuna li għandha r-rappreżentanza legali biex tikkuntratta għan-nom tal-Aġenzija (*contracting authority*) inbidlet mic-Chairman għall-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija li hija Catherine Tabone, tant illi filwaqt illi l-kuntratt konkluż oriġinarjament bejn il-Fondazzjoni u l-Kamra tal-Kummerċ kien iffirmat mill-attur għan-nom tal-Fondazzjoni, kienet Catherine Tabone bħala Kap

[2] Dok. PBOX.
[3] Dok. PBOZ.

Eżekuttiv tal-Aġenzija li rappreżentat lill-Aġenżija fuq il-kuntratt li ġie sussegwentement konkluż bejn l-istess Aġenzija u l-Kamra tal-Kummerċ. Il-konvenut attribwixxa dan il-bdil fis-setgħet finanzjarji u kontrattwali għall-irregolaritajiet li ġew identifikati mill-Awditur Ġenerali fl-*audit* tal-Fondazzjoni, fejn kien instab li l-Fondazzjoni kienet eċċediet bil-wisq il-buġit finanzjarju li kien ġie allokat lilha u dan minħabba l-għadd esaġerat ta' *direct orders* li nħarġu kif ukoll għaliex il-Fondazzjoni kienet tat kuntratti b'valur komplessiv ta' miljuni ta' euro mingħajr ma mxiet mar-regolamenti tal-akkwisti pubbliċi, permezz ta' *direct orders* li ngħataw mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi. Qal ukoll li l-attur naqas milli jiddikjara l-kunflitt ta' interess tiegħu meta ngħataw kuntratti b'*direct order* lil ċertu Jason Busuttil li kien direttur fuq il-Bord ta' Diretturi ta' One Productions Limited.

Skont il-konvenut, kien sewwasew f'dan l-isfond ta' amministrazzjoni ħażina tal-finanzi u nepotiżmu, li huwa ddeskriva lill-attur bħala persuna korrotta politikament. Xehed ukoll li kien hemm terzi persuni li ddeskrivew pubblikament lill-attur bħala politikament inkonsistenti u falz, anke għaliex filwaqt illi huwa kien sejjaħ għar-riżenja ta' Keith Schembri, l-istazzjon televiżiv operat mill-kumpannija mmexxi minnu (One Productions Limited) kien qed jattakka kull min kien qed isejjaħ għar-riżenja ta' l-istess Keith Schembri[4].

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-isfond tal-istqarrija tal-konvenut li l-attur huwa "*a one big wannabe himself ...*" jinsab fil-*post* li l-attur innifsu ppubblika fuq Facebook[5] b'rejazzjoni għall-aħbar li l-kantanta Alexandra Alden kienet sejra tipparteċipa fil-Kunċert kontra l-Korruzzjoni, fejn iddeskriviha bħala "*Malta's Lady Gaga Wannabe*". Iżda ma jirriżultax li l-attur qiegħed jimpunja bħala malafamanti l-imputazzjoni li huwa "*a one big wannabe*", sostanzjata kif inhi bil-karikatura ta' ħmar, li tnissel l-implikazzjoni ta' bniedem idjota u injorant, ossia 'ħmar'.

---

[4] BOP7i, u BOP7ii.
[5] Dok. PBOX, paġna 112 tal-atti tla-kawża.

Għalkemm il-pubblikazzjoni trid tiġi mistħarrġa fl-intier tagħha u hu evidenti li f'dan il-każ ingħatat prominenza għall-karikatura tal-ħmar, hu evidenti mix-xhieda tal-attur li huwa qiegħed jimpunja speċifikatament id-dikjarazzjoni fil-pubblikazzjoni li huwa persuna politikament korrotta u li tneħħewlu l-poteri finanzjarji kollha li fi ħdan l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta (VCA). Imkien ma għamel referenza għall-karikatura tal-ħmar, l-implikazzjonijiet li jitnisslu minn din l-immaġini u kif dawn jintrabtu mal-istqarrijiet ippubblikati.

Il-Qorti tqis illi *the sting of the libel* tinsab fl-istqarrija tal-konvenut illi **l-attur huwa politikament korrott tant illi ġie mneżżà' mill-poteri kollha finanzjarji li kellu fi ħdan il-Valletta Cultural Agency** (VCA).

Kif jikteb Gatley on Libel and Slander[6]:-

"*The question is not what the defendant intended, but what reasonable men, knowing the circumstances in which the words were published, would understand to be the meaning. 'Liability for libel does not depend on the intention of the defamer, but on the fact of the defamation'. 'The question is not what the writer of an alleged libel means, but what is the meaning of the words he has used'. 'It is not the defendant's intention, or the meaning in his own mind, that makes the sense of the libel' but 'what was the meaning and inference that would naturally be drawn by reasonable and intelligent persons reading it'.*

B'korruzzjoni politika l-Qorti tqis li l-qarrej ordinarju ta' intelliġenza medja jifhem b'mod ġeneriku l-użu ħażin minn uffiċjali tal-gvern jew persuni pubbliċi oħrajn fil-politika, tas-setgħat u l-kuntatti tagħhom għall-gwadann personali tagħhom, u l-prassi sistematika fejn persuni f'dawn il-karigi pubbliċi politiċi jiksbu sostenn finanzjarju mit-tħaddim ta' interessi li huma potenzjalment konfliġġenti mal-iskop primarju tal-istituzzjoni jew l-uffiċċju li jirrappreżentaw.

[6] Ninth Edition Chapter 7.

Minn dan isegwi illi l-imputazzjoni li kjarament titnissel mill-istqarrija impunjata hi li l-attur abbuża mill-pożizzjoni pubblika tiegħu għall-vantaġġ tal-interessi finanzjarji personali tiegħu, inkluż li mexa b'inkompetenza fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet pubbliċi tiegħu, tant illi ġie eskluż minn kull involviment jew tmexxija tal-affarijiet finanzjarji tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta.

Dawn huma imputazzjonijiet dwar kondotta illegali da parti tal-attur[7], abbuż u jew inkompetenza, li jinftiehmu mill-pubblikazzjoni nnfisiha mingħajr wisq sforz u tiġbid ta' interpretazzjoni mill-qarrej ordinarju, u wkoll mingħajr ħtieġa ta' għarfien speċjali, jew ta' referenza għal xi fatti li ma jirriżultawx mill-istess pubblikazzjoni.

In propositu inghad[8]:-

"*Most obviously however, statements that impute that the claimant has or may have been involved on some degree in a criminal act will almost invariably satisfy the test. Other common examples include imputations that, by reason of some conduct, the claimant is dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or actuated by some improper motive ... or incompetent or otherwise unfit for some role.*"

Il-Gatley jgħid:- "*It is defamatory to impute that a person is unfit for his profession or calling owing to a want of ability, mental stability, learning or some other necessary qualification, or that he has been guilty of any dishonest or disreputable conduct or any misconduct or inefficiency therein.*"[9]

Hija l-fehma tal-Qorti li l-pubblikazzjoni fl-assjem tagħha fiha imputazzjonijiet li bla dubju fihom propensita' diffamatorja għaliex jikkostitwixxu attakk fuq il-karattru tal-persuna aggravata u l-kondotta morali tagħha u jistgħu jimminaw l-integrita' tal-persuna f'pożizzjoni pubblika li minnha nnifisha teħtieġ il-kompetenza u r-rettezza.

---

[7] Il-korruzzjoni hija punibbli bħala reat kriminali taħt l-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali.

[8] Collins On Defamation, (2014 Ed.), 6.10, p.117.

[9] Gatley on Libel and Slander, 12th Ed. (2013), 2.38, p. 82.

Huma kapaċi wkoll, b'mod ġenerali, li jnaqqsu mill-kunfidenza u fiduċja fis-soġġett u jtappnu l-istima tiegħu f'għajnejn il-pubbliku in ġenerali[10], għaliex: "....[they would] *imply some moral disparagement of the person which tends to lower the plaintiff in the estimation of reasonable people*"[11] u kif ukoll jolqot sostanzjalment u *"... in an adverse manner the attitude of other people toward the person*"[12].

Il-kwistjoni jekk dan l-effett diffamatorju huwa riskontrabbli fil-persuna tal-attur, sejra tiġi mistħarġa iktar 'il quddiem iżda qabel xejn il-Qorti sejra tittratta l-eċċezzjonijiet tal-konvenut.

Ikkunsidrat;

Illi fil-fehma tal-Qorti, id-difiża ewlenija tal-konvenut trid tiġi mistħarrġa bħala difiża tal-opinjoni onesta taħt l-artikolu 4(2) tal-Kap. 579 għaliex kif sewwa ġie sottomess mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-Att dwar il-Midja u l-Malafama ma taħsibx espressament għad-difiża ta' opinjoni politika.

Il-konvenut jilqa' għall-azzjoni wkoll bl-eċċezzjoni li l-kriterju tal-ħsara serja lir-reputazzjoni, m'huwiex sodisfatt fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-attur.

Il-Qorti rat l-atti u fliet id-dokumenti esebiti mill-konvenut għad-difiża tiegħu, u tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet, dwar l-asserzjoni li l-attur kien "*stripped of all financial powers at VCA*".

Fir-rapport imħejji u pubblikat mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika wara l-awditjar tan-nefqa tal-Fondazzjoni Valletta 2018 għas-sena 2018, l-Awditur Ġenerali kkonkluda illi "*The Valletta European Capital of Culture 2018 Foundation bypassed the Public Procurement Regulations on various occasions. There were also instances where no formal agreement covering services procured were in place.*" Il-proċess ta'

---

[10] *"the words will be defamatory because of the injury to his reputation in his trade, profession or office and that is enough."*

[11] Collins, ibid. 6.21, pg. 120.

[12] Collins, ibid. 6.23. Ara wkoll **Berkhoff v Burchill** (2010) EWHC, 1414 (QB).

awditjar żvela id-dgħufija tal-kontrolli interni fejn tidħol l-infiq tal-Fondazzjoni, sistema li sarrfet f'nuqqas ta' kontabbilita'. B'mod speċifiku ġie enfasizzat in-nuqqas tal-Fondazzjoni li żżomm tagħrif bażiku dwar il-proċedura tal-akkwist ta' diversi servizzi[13] li ġew reżi lilha, fejn bosta servizzi ġew akkwistati wkoll mingħajr ma kienu regolati b'kuntratti formali bejn il-Fondazzjoni u l-kuntrattur li jistipolaw l-obbligi rispettivi tal-partijiet kontraenti, u n-nuqqas tal-Fondazzjoni li ssegwi l-proċedura stipolata fir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku. Dan billi la ħarġet sejħa għall-offerti u lanqas inkiseb l-approvazzjoni mingħand il-Ministeru tal-Finanzi in kwantu għal *direct orders* għall-akkwist ta' servizzi b'valur komplessiv ta' €778,385[14]. Ir-rapport tal-Awditur Ġenerali identifika wkoll in-nuqqas tal-Fondazzjoni li tipprovdi dokumentazzjoni fiskali in sostenn ta' diversi transazzjonijiet finanzjarji kif ukoll in-nuqqas ta' pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tal-kuntratti tal-provvisti li ġew akkwistati mill-Fondazzjoni fis-sena 2018.

Minn eżami tal-Istatut tal-Fondazzjoni Valletta 2018, jirriżulta illi għalkemm iċ-Chairman tal-Bord tal-Gvernaturi, l-attur Jason Micallef, kellu r-rappreżentanza legali u ġudizzjarja oriġinali tal-Fondazzjoni, il-Bord tal-Gvernaturi kellu l-jedd jiddelega din is-setgħa ta' rappreżentanza lil terzi persuni permezz ta' riżoluzzjoni bil-miktub segwit minn prokura ffirmata mic-Chairman. Fil-fatt, permezz ta' riżoluzzjoni li saret fil-laqgħa tas-7 ta' Settembru 2017, is-setgħa tar-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-Fondazzjoni kienet ġiet effettivament delegata lid-Direttur Eżekuttiv tal-Fondazzjoni, Catherine Tabone, b'effett mis-6 ta' Lulju 2017[15].

Mill-provi jirriżulta illi minn Lulju 2017 'il quddiem, Catherine Tabone id-Direttur Eżekuttiv tal-Fondazzjoni Valletta 2018, kienet tikkuntratta għan-nom tal-Fondazzjoni ma' *service providers* u kienet tikkummissjona hija stess dawn is-servizzi bis-saħħa tad-delega li ngħatat mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Fondazzjoni. L-attur bħala Chairman tal-Fondazzjoni kien japprova l-akkwist ta' dawn is-servizzi u kien jawtorizza flimkien mal-istess Direttur Eżekuttiv, il-ħlas ta' dawn is-servizzi.

---

[13] B'valur komplessiv ta' €144,430.
[14] Minn kampjun ta' transazzjonijiet b'valur totali ta' €2,280,309. Ara wkoll Dok. CD1.
[15] Ara minuti tal-laqgħa tal-Fondazzjoni Valletta 2018, Item 3.0 (Dok. JM3).

Minn dan, il-Qorti fehmet illi l-involviment tal-attur fl-affarijiet finanzjarji tal-Fondazzjoni u fil-*public procurement* kien limitat għall-approvazzjoni tal-obbligi kontrattwali konklużi mid-Direttur Eżekuttiv għan-nom tal-Fondazzjoni ma' terzi kuntratturi, u l-approvazzjoni tal-ħlasijiet dovuti. Fil-fatt, ma jirriżulta minn imkien mill-provi illi fis-sena 2018 - is-sena li għaliha jirreferi l-*audit report* tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (NAO) fejn ġew identifikati numru ta' nuqqasijiet fil-kontroll interni tal-infiq tal-Fondazzjoni u ksur tar-regolamenti dwar l-akkwist pubbliku – li l-attur kien jikkuntratta huwa stess mas-*service providers* jew jordna l-ħruġ ta' *tenders* jew *direct orders* jew jieħu ħsieb l-amministrazzjoni ordinarja tal-affarijiet finanzjarji u fiskali tal-Fondazzjoni. Dawn is-setgħat jirriżulta li kienu ġew delegati lid-Direttur Eżekuttiv, Catherine Tabone, li affermat fix-xhieda tagħha li bis-saħħa tad-delega, kienet hi li tieħu ħsieb materji konnessi mal-public procurement.

Imbagħad, kif jirriżulta mill-Avviż Legali 427 tal-2018 (Valletta Cultural Agency Establishment Order, 2018)[16], ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta ġiet fdata fil-persuna tal-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija li għandha wkoll il-jedd taħtar permezz ta' riżoluzzjoni tal-Bord bil-miktub, kwalunkwe wieħed mill-membri jew uffiċjali jew impjegati tagħha jew aktar, sabiex jidher f'isimha jew għan-nom tal-Aġenzija fi kwalunkwe proċedimenti ġudizzjarji u fi kwalunkwe att, kuntratt, strument jew dokument ieħor ikun li jkun.

Il-Qorti ma riskontrat assolutament xejn fil-provi li ressaq il-konvenut, li juri illi d-delega mogħtija lid-Direttur Eżekuttiv tal-Fondazzjoni fl-2017 bl-approvazzjoni unanimu tal-Bord tal-Gvernaturi, u jew l-affidament tar-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta fil-persuna tal-Kap Eżekuttiv minflok ic-Chairman, saru minħabba xi prova jew allegazzjoni ta' inkompetenza, kondotta ħażina jew korruzzjoni politika da parti tal-attur bħala Chairman tal-Fondazzjoni. **Wara kollox, Catherine Tabone kienet ilha tirrappreżenta formalment il-Fondazzjoni f'materji ta' *procurement* sa mis-sena 2017 u baqgħet**

[16] L.S. 542.05 – regolament 6.

**tagħmel dan direttament bħala Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija, filwaqt li l-attur baqa' jokkupa l-istess rwol ta' Chairman ukoll fl-Aġenzija fejn baqa' japprova l-ħlas tal-obbligi finanzjarji tal-Aġenzija bl-istess mod li kien jagħmel fi ħdan il-Fondazzjoni.** Kemm hu hekk, ir-rapport tal-NAO li sab in-nuqqasijiet fil-proċeduri finanzjarji tal-Fondazzjoni jirreferi għan-nefqa tas-sena 2018 meta kienet Catherine Tabone u mhux l-attur li, bħala direttur eżekuttiv tal-Fondazzjoni, kienet qiegħda attivament tirrappreżenta u tikkuntratta għan-nom tal-Fondazzjoni bis-saħħa tad-delega li ngħatat b'effett minn Lulju 2017[17].

Għalkemm il-konvenut argomenta li d-deċiżjoni finali dwar l-għoti ta' kuntratti mill-Fondazzjoni u dwar il-ħlas tal-obbligi finanzjarji tal-Fondazzjoni, kienet tispetta lill-attur bħala Chairman, dan il-fatt waħdu ma jiġġustifikax il-fehma li l-attur kien aġixxa huwa stess għan-nom tal-Fondazzjoni bl-għoti ta' kuntratti bi ksur tar-regolamenti tal-akkwist pubbliku. Wisq inqas jista' minn dan jinsilet raġjonevolment, mingħajr doża tajba ta' spekolazzjoni u konġettura, xi konkluzjoni fis-sens illi r-rappreżentanza legali tal-Fondazzjoni ġiet delegata lil terza persuna tabilħaqq minħabba xi *mismanagement*, korruzzjoni jew kondotta oħra ħażina da parti tal-attur.

Kif diġa' ngħad, l-istqarrija "*stripped of all financial powers*" tnissel il-konnotazzjoni li l-attur tneżża' minn kull kontroll u involviment fl-affarijiet finanzjarji tal-Aġenzija u kwindi wkoll mis-setgħa li jiffirma *cheques* u japprova l-akkwisti u pagamenti, minħabba xi *faux pas*, inkompetenza jew amministrazzjoni ħażina tal-finanzi da parti tiegħu, ħaġa li mill-provi li għandha quddiemha l-Qorti ma jirriżultax sodisfaċjentement. **Għall-kuntrarju, il-provi[18] juru li ma kien hemm ebda bdil kwalsiasi fis-setgħat eżerċitati mill-attur fil-Fondazzjoni wara d-delega tar-rappreżentanza legali lid-Direttur Eżekuttiv fl-2017, u dawk is-setgħat fdati lilu fi ħdan l-Aġenzija**. Kemm hu hekk, meta ġiet imwaqqfa l-Aġenzija l-attur reġa' ġie maħtur bħala Chairman u għadu sal-lum wieħed mill-firmatarji tac-*cheques* li jinħarġu mill-Aġenzija għall-ħlas tal-obbligi finanzjarji tagħha, kif del resto minn dejjem kien inkarigat jagħmel anke meta kien Chairman tal-Fondazzjoni Valletta 2018.

---

[17] Dan ġie konfermat ukoll minn Catherine Tabone fix-xhieda tagħha in kontro-eżami, 31 ta' Jannar 2023.
[18] Xhieda tal-attur u xhieda ta' Catherine Tabone tad-19 ta' Mejju 2021 u tal-31 ta' Jannar 2023.

Mhux minnu lanqas li l-attur tneħħietlu s-setgħa li jorbot lill-Fondazzjoni u lill-Aġenzija, għaliex minn eżami tal-Istatut tal-Fondazzjoni, il-Qorti fehmet illi bħala Chairman - rwol li dejjem baqa' jokkupa b'mod kontinwu – l-attur dejjem kellu l-poter residwarju li jorbot lill-Fondazzjoni nonostante d-delega ta' din is-setgħa mill-Bord tal-Gvernaturi preseduta minnu, lil terza persuna. Iżda fi kwalsiasi każ, anke jekk għal mument kellha taċċetta illi l-attur ma baqax munit bis-setgħa li jorbot lill-Fondazzjoni b'effett tad-delega lil Catherine Tabone, dan ma jfissirx li tneħħietlu xi setgħat **finanzjarji** kif ġie allegat mill-konvenut fl-istqarrija impunjata. Kif diġa' ngħad, id-dikjarazzjoni tal-konvenut "*stripped of all financial powers from VCA*" tnissel imputazzjoni li l-attur mexxa ħażin l-affarijiet finanzjarji tal-Aġenzija jew tal-Fondazzjoni tant illi bit-twaqqif tal-Aġenzija Kulturali tal-Belt Valletta, tneħħewlu s-setgħat finanzjarji li kellu qabel. Madankollu, din l-imputazzjoni m'hijiex sorretta lanqas in sostanza mill-provi għaliex jirriżulta li l-attur baqa' jeżerċita fi ħdan l-Aġenzija l-istess poteri finanzjarji u ta' rappreżentanza legali li dejjem kellu fil-Fondazzjoni.

Ma hemm xejn fil-provi proċesswali li jagħti x'jifhem illi ttieħdet konxjament xi deċiżjoni fit-transizzjoni bejn il-Fondazzjoni Valletta 2018 u t-twaqqif tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, biex l-attur ma jingħatax xi poteri finanzjarji jew jingħata xi setgħat inqas minn dawk li kellu fi ħdan il-Fondazzjoni. L-attur kien jokkupa r-rwol ta' Chairman tal-Fondazzjoni u ġie maħtur mill-Ministru biex jokkupa l-istess kariga fi ħdan l-Aġenzija, fejn ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tagħha u s-setgħa li tikkuntratta ma' terzi, ġiet fdata lill-Kap Eżekuttiv li hija l-istess persuna, Catherine Tabone, li b'delega tal-Bord tal-Gvernaturi kienet teżerċita setgħat identiċi fi ħdan il-Fondazzjoni sa minn Lulju 2017. In kwantu għal setgħat prettament finanzjarji, għandu jingħad li meta twaqqfet l-Aġenzija bis-saħħa tal-L.S. 542.05, l-attur mhux talli ma tneħħewlux xi setgħat finanzjarji li kellu qabel fil-Fondazzjoni, talli baqa' jeżerċita l-istess grad ta' kontroll fuq il-fondi tal-Aġenzija bħala firmatarju tal-ħlasijiet dovuti mill-Aġenzija lil terzi.

Għandu jingħad ukoll illi anke jekk jirriżulta li fis-sena 2017 - qabel ingħatat id-delega lil Catherine Tabone - meta l-attur kien jokkupa l-pozizzjoni ta' Chairman u kien l-uniku rappreżentant legali u ġudizzjarju tal-Fondazzjoni, l-istess Fondazzjoni daħlet f'numru konsiderevoli ta' kuntratti b'valur in eċċess ta' €10,000 permezz ta' *direct orders* minflok permezz tal-ħruġ ta' *tender*, ma nġiebet ebda prova li dawn ingħataw mingħajr l-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi u kwindi bi ksur tar-regolamenti dwar l-akkwist pubbliku. Għalhekk, l-asserzjoni tal-konvenut li kien fl-isfond ta' *mismanagement* finanzjarju da parti tal-attur, li ddikjara li huwa persuna politikament korrotta li ġiet imneżża' mill-poteri finanzjarji tiegħu, hi bla bażi.

In kwantu għall-prova li l-Fondazzjoni Valletta 2018 kif ukoll l-Aġenżija Kulturali għall-Belt Valletta taw b'kollox bejniethom erba' *direct orders* lil ċertu Jason Busuttil, jiġi osservat illi meta ngħata d-*direct order* fis-sena 2018, ir-rappreżentant legali tal-Fondazzjoni li kellu awtorita' jikkontratta għan-nom tal-Fondazzjoni u kien effettivament jikkontratta għan-nom tal-Fondazzjoni, kienet Catherine Tabone u mhux l-attur, filwaqt li d-*direct orders* li ngħataw lill-istess Jason Busuttil mill-Aġenzija ma seta' kellu x'jaqsam xejn magħhom l-attur li qatt ma kellu awtorita' li jorbot u jikkontratta għan-nom tal-Aġenzija.

Minn dan kollu jsegwi illi l-istqarrija tal-konvenuta li l-attur ġie "*stripped of all financial powers from VCA*" mhux biss hija fattwalment mhux korretta iżda mhijiex konkluzjoni leġittima li wieħed jista' jislet raġjonevolment mill-provi proċesswali, għaliex imkien fil-provi ma ġie riskontrat xi fatt li abbażi tiegħu il-qarrej ordinarju jasal biex jesprimi l-fehma li l-attur tneżża' minn xi poteri finanzjarji fl-Aġenzija, wisq inqas li dan seħħ minħabba xi kondotta ħażina da parti tiegħu.

Ikkunsidrat;

In kwantu għall-istqarrija li l-attur huwa "*a politically corrupt person*", il-konvenut xehed li l-attur fir-rwol tiegħu bħala Chairman tal-Fondazzjoni u in segwitu bħala Chairman mhux Ezekuttiv tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, għandu kunflitt

ta' interess qawwi minħabba l-fatt li fl-istess waqt huwa jmexxi l-kumpannija li hija responsabbli għall-midja uffiċjali tal-Partit Laburista. Żewġ pożizzjonijiet li l-konvenut isostni li huma inkompatibbli stante illi t-tmexxija ta' Aġenzija li hija responsabbli għall-kultura nazzjonali, m'għandhiex tkun imniġġsa mill-politika partiġġjana. Isostni wkoll li l-fatt li l-attur inħatar bħala Chairman mhux Eżekuttiv tal-Aġenzija nonostante dan il-kunflitt ta' interess manifest, liema kunflitt ta' interess ġie mwarrab mill-Ministru unikament biex jakkomoda lill-attur fl-okkupazzjoni kontinwata ta' żewġ pożizzjonijiet konfliġġjenti, ukoll jikkostitwixxi l-bażi tal-kumment tiegħu li l-attur huwa persuna politikament korrotta.

Il-Qorti tibda biex tgħid illi jekk il-konvenut tabilħaqq ried jorbot id-dikjarazzjonijiet tiegħu, impunjati f'din il-kawża, man-nuqqas tal-attur li jwettaq l-impenn li kien għamel biex jirriżenja mill-kariga tiegħu ta' Chairman ta' One Productions Limited[19], messu mill-inqas alluda għal dan in-nuqqas, b'xi mod, fl-istqarrija impunjata. **Fil-fatt, il-Qorti m'hijiex konvinta illi d-dikjarazzjoni li l-attur huwa politikament korrott kienet xprunata b'xi mod mill-materja tal-kunflitt ta' interess, għaliex il-qarrej ordinarju jifhem mingħajr wisq diffikolta' li l-kwalifika tal-attur bħala persuna politikament korrotta hi marbuta intrinsikalment mad-dikjarazzjoni immedjatament sussegwenti dwar it-tneħħija tal-poteri finanzjari tiegħu fl-Aġenżija Kulturali għall-Belt Valletta, u ma' xejn iktar**. Fil-fatt hija din l-unika bażi li nsibu fil-pubblikazzjoni impunjata, għad-dikjarazzjoni tal-konvenut li l-attur huwa persuna korrotta politikament.

Iżda b'żieda mal-kunsiderazzjonijiet appena magħmula, il-Qorti hi wkoll tal-fehma illi għalkemm jista' jkun minnu li l-attur baqa' jokkupa fl-istess żmien żewġ rwoli li jidher mad-daqqa t'għajn li huma inkompatibbli u ma kienx irriżenja bħala kap tal-istazzjon televiżiv tal-Partit Laburista minkejja li fl-2013 kien stqarr pubblikament li kien sejjer ikollu jirriżenja, u għalkemm tassew jista' jiġi ravviżat xejra ta' kunflitt ta' interess, dan l-istat ta' fatt, anke jekk magħruf mill-qarrej ordinarju ipotetiku, ma jista' qatt iwassal lil persuna onesta jesprimi raġjonevolment il-fehma li l-attur huwa

[19] Ara pubblikazzjoni Dok. PBOZ

politikament korrott. Dan qed jingħad għaliex, kif rajna, il-kunċett ta' korruzzjoni politika tnissel implikazzjoni ta' użu ħażin tas-setgħat u l-kuntatti ta' persuni fil-politika b'karigi pubbliċi, għall-gwadann finanzjarju personali, u l-konvenut ma ressaq ebda prova biex juri li l-attur juża l-konnessjonijiet politiċi tiegħu biex jikseb sostenn finanzjarju bl-użu ħazin tal-poteri tiegħu.

Huwa minnu li l-liġi li twaqqaf l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta tiskwalifika lil persuna li jkollha xi interess finanzjarju jew xort'oħra f'xi impriża jew attività li x'aktarx taffettwa it-twettiq ta' dawn il-funzjonijiet. Madankollu, mid-dokumenti li esebixxa l-konvenut jirriżulta illi jekk kien jeżisti xi kunflitt ta' interess xprunat mill-pożizzjoni li kien jokkupa l-attur fil-kumpannija li tmexxi l-midja tal-Partit Laburista tal-attur, dan ġie debitament dikjarat mill-attur iżda ġie mwarrab mill-Ministru tal-Kultura permezz ta' avviż ta' deroga pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fid-29 ta' Marzu 2019 skont kif maħsub fil-liġi, **mingħajr ebda ħjiel fil-provi li għandha quddiemha l-Qorti llum, li din id-deroga ingħat b'effett ta' xi korruzzjoni politika**.

Fil-waqt li l-konvenut seta' kien ġustifikat jikkritika lill-attur talli ma żammx kellmtu u ma kienx konsistenti f'egħmilu, jew li ġie aġevolat mill-Ministru meta ħatru bħala Chairman tal-Aġenżija minkejja l-kunflitt evidenti ta' interess li kellu mar-rwol tiegħu ta' Chairman ta' One Productions Limited, il-konvenut ma kienx ġustifikat b'daqshekk u fil-kumpless taċ-ċirkostanzi, isejjaħ lill-attur politikament korrott, terminu pjuttost iebes li ma jsibx konfort fl-asserzjonijiet li xehed dwarhom il-konvenut.

Ma hemm xejn x'juri li d-dispożizzjoni legali fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 542.05 li taħseb għad-deroga mill-kunflitt ta' interess, ġiet promulgata speċifikatament biex jakkomoda l-ħatra tal-attur fil-kariga ta' Chairman Mhux Ezkeuttiv tal-Aġenzija meta kien ic-Chairman ta' One Productions Limited: kariga li altrimenti l-attur kien ikun skwalifikat milli jinħatar fiha. Kif taraha l-Qorti, mil-lenti tal-qarrej ordinarju, mill-fatti li joħorġu mill-provi, il-ħatra tal-attur bħala Chairman fl-Aġenzija (VCA), hi affermazzjoni tas-suċċess li kisbet il-Fondazzjoni Valletta 2018 u wirja ta' fiduċja fil-kapaċitajiet li wera l-attur fir-rwol tiegħu bħala Chairman tal-istess Fondazzjoni.

Għalkemm bla dubju il-ħatra fl-2013 tal-attur bħala Chairman tal-Fondazzjoni Valletta 2018, kienet waħda kontroversjali u ġiet kritikata minħabba r-rwol partiġjan tiegħu bħala Chairman tal-kumpannija li tmexxi l-midja tal-partit Laburista, m'hijiex biżżejjed biex tnissel u ssawwar fehma onesta li huwa uża l-kuntatti tiegħu fil-partit politiku fil-gvern biex javvanza l-interessi privati tiegħu, u l-istess jgħodd għall-konsiderazzjoni dwar l-idoneita' o meno tal-attur biex jokkupa pożizzjoni ta' Chairman ta' entita' kulturali meta ma kellux kredenzjali jew esperjenza fis-settur kulturali.

Għaldaqstant, il-fehma li l-attur huwa politikament korrott m'hijiex waħda li tista' leġittimament u raġjonevolment tinsilet minħabba l-eżistenza ta' kunflitt ta' interess li seta' kellu u li ġie eżentat minnu skont il-liġi.

Għalhekk, kollox magħdud il-Qorti tqis illi l-kunflitt ta' interess tal-attur fl-okkupazzjoni kontestwali taż-żewġ rwoli in kwistjoni, m'hijiex indikata suffiċjentement bħala bażi għall-istqarrija li l-attur huwa persuna korrotta politikament u ghalhekk, bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) tal-artikolu 4(2) tal-Att, dan il-fatt ma jistax jiġi invokat mill-konvenut in sostenn tad-difiża tal-opinjoni onesta. Barra minn hekk, u f'kull każ, ma taqbilx lanqas illi l-kunflitt ta' interess jikkostitwixxi fatt li abbażi tiegħu persuna onesta tista' raġjonevolment ikollu l-istess opinjoni bħall-konvenut.

Ikkunsidrat;

Illi kif diġa' ntqal qabel, il-konvenut jikkontendi wkoll li fiż-żmien meta l-attur kien jokkupa l-kariga ta' Chairman tal-Fondazzjoni Valletta 2018, l-infiq tal-Fondazzjoni kien issupera b'mod sostanzjali l-buġit approvat, u dan minħabba numru ġmielu ta' *direct orders* li ngħataw bi ksur tar-regolamenti dwar l-akkwist pubbliku.

Il-Qorti rat l-atti. Huwa minnu li n-nefqa li għamlet il-Fondazzjoni Valletta 2018 fiż-żmien meta l-attur kien jokkupa l-kariga ta' Chairman, jirriżulta li ssuperat

konsiderevolment l-estimi tal-infiq kif approvati. Iżda l-Qorti ma tqisx illi dan il-fatt waħdu jista' qatt raġjonevolment jikkostitwixxi fatt li abbażi tiegħu persuna onesta tista' tasal biex tesprimi l-fehma li l-attur innifsu u speċifikatament, bħala Chairman tal-Fondazzjoni, huwa politikament korrott. Lanqas jekk b'żieda ma' dan, jingħadd ukoll il-fatt illi l-Awditur Ġenerali identifika nuqqas ta' adeżjoni da parti tal-Fondazzjoni mar-regolamenti dwar il-proċedura tal-akkwist pubbliku fl-għoti ta' kuntratti għall-proviżjoni ta' servizzi fis-sena 2018, u identifika wkoll nuqqas ta' sistema serja ta' kontrolli interni fuq l-infiq.

Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh il-fatt illi l-Fondazzjoni mhux biss kienet immexxija minn Bord sħiħ ta' Gvernaturi u mhux biss mill-attur, iżda wkoll li r-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tagħha kienet ġiet fdata sa minn Lulju 2017 f'idejn terza persuna b'delega approvata mil-Bord tal-Gvernaturi tal-Fondazzjoni, liema persuna kienet tieħu ħsieb hija stess l-akkwist għan-nom tal-Fondazzjoni ta' servizzi u provvisti, speċifikatament fiż-żmien li għalih jirreferi l-investigazzjoni tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

Fil-provi li ġew prodotti mill-konvenut, il-Qorti ma riskontrat ebda fatt konkret jew konklussiv li juri li l-attur mexa jew kien involut f'xi korruzzjoni u jew abbuża minn xi pożizzjoni jew uffiċċju pubbliku li kien jokkupa biex jiggwadanja personalment jew jippromowovi l-interessi finanzjarji personali tiegħu. Il-fatt li l-Fondazzjoni Valletta 2018 imxiet bi ksur tar-regolamenti dwar l-akkwist pubbliku fl-infiq tal-fondi tagħha, u l-fatt li l-infiq tagħha seta' eċċeda l-baġit approvat u ma kienx hemm kontrolli interni b'saħħithom biżżejjed biex jiġi assigurat tmexxija finanzjarja tajba fil-Fondazzjoni, ma jfissirx illi l-attur abbuża mill-pożizzjoni tiegħu bħala Chairman tal-Fondazzjoni biex jagħmel xi gwadann personali jew aġevola lil xi ħadd għall-gwadann personali tiegħu u għalhekk, ma jiġġustifikax il-pubblikazzjoni ta' dikkarazzjoni li l-attur huwa politikament korrott.

Ir-rapport tal-Awditur Ġenerali, esebit mill-konvenut, m'hu ta' ebda konfort għall-istqarrija dwar il-korruzzjoni politika tal-attur, għaliex imkien ma jaddebita lill-attur

in-nuqqasijiet sistemiċi fil-kontroll tal-infiq tal-Fondazzjoni, jew il-ksur tar-regolamenti dwar l-akkwist pubbliku u għalhekk, ma jistax jitqies li jipprovdi bażi fattwali tajba għall-allegazzjonijiet dwar il-korruzzjoni politika tal-attur. Allegazzjonijiet li jkomplu jitilfu mis-saħħa tagħhom meta wieħed iqis li dak iż-żmien, kienet Catherine Tabone u mhux l-attur, li kienet effettivament tikkuntratta għan-nom tal-Fondazzjoni fl-għoti ta' kuntratti għall-proviżjoni ta' servizzi. Il-fatt li l-attur bħala Chairman kellu s-setgħa jawtorizza l-ħlas tal-infiq tal-Fondazzjoni, ukoll ma jagħmel xejn biex jissostanzja l-allegazzjoni tiegħu li huwa persuna politkament korrotta.

Il-konvenut ma ġab ebda prova kwalsiasi in sostenn ta' l-asserzjoni li l-attur uża ħażin il-poteri uffiċjali tiegħu għall-promozzjoni tal-interessi privati tiegħu u konsegwentement, ebda persuna onesta u oġġettiva ma tista' qatt tasal serenament u mingħajr sforz u tiġbid tal-immaġinazzjoni abbażi tal-provi, għall-konklużjoni li l-attur huwa korrott politikament.

Ikkunsidrat;

Illi jirriżulta wkoll illi l-konvenut, biex jiġġustifika l-espressjoni tal-opinjoni tiegħu li l-attur huwa politikament korrott u li ġie mneżża' mis-setgħat finanzjarji tiegħu fl-Aġenzija Valletta 2018, esebixxa diversi pubblikazzjonijiet: Dok. PBO1, Dok. PBO2, Dok. PBO3 u Dok. PBO4. Iżda filwaqt li tassew dawn il-pubblikazzjonijiet juru illi l-attur ġie kritikat bl-aħrax anke fuq livell internazzjonali, għall-kumment tiegħu fejn irrefera għal Alexandra Alden bħala "*Malta's Lady Gaga wannabe*" kif ukoll għall-kumment tiegħu diversi snin qabel fejn irredikola l-memorja ta' Daphne Caruana Galizia, iżda din il-kritika ma tgħoddx la bħala fatt u lanqas bħala ħaġa affermata bħala fatt f'dikjarazzjoni privileġġata, a tenur tal-paragrafu (ċ) tal-artikolu 4(2) u (4) tal-Att. Art 4(4) Kap 579, li abbażi tagħha persuna onesta setgħet kellha l-opinjoni li l-attur huwa politikament korrott jew li minħabba fih huwa ġie mneżża' mis-setgħat finanzjarji tiegħu fi ħdan l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta. Dan qed jingħad għaliex il-pubblikazzjonijiet in diżamina ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-

korruzzjoni politika u lanqas mas-setgħat finanzjarji li l-attur seta' kellu fl-Aġenzija jew fil-Fondazzjoni, u m'hi riskontrabbli ebda rabta kwalsiasi bejn dawn il-pubblikazzjonijiet u xi varjazzjoni bejn il-poteri finanzjarji tal-attur fi ħdan il-Fondazzjoni u in segwitu, fl-Aġenzija.

Illi l-Qorti taqbel illi huwa l-jedd ta' kull individwu li jifforma opinjonijiet u jesprimihom lil ħaddieħor u għandu dritt ukoll jirrejaġixxi u jirrispondi għal dak li jiġri madwaru b'mod soġġettiv, anke jekk f'dan il-proċess ikun wasal għal konklużjonijiet mhux korretti: "*the right to make honest but derogatory expressions of opinions on such matters was and is an important safeguard for freedom of expression*".[20] Iżda kif stabbilit, fiċ-ċirkostanzi, m'hijiex sodisfatta li fil-kummenti tal-konvenut, huwa ravviżabbli bażi fattwali sostanzjali biżżejjed biex isawru opinjoni onesta li l-attur huwa politikament korrott u ġie mneżża' mill-poteri finanzjarji kollha tiegħu fl-Aġenzija (VCA).

Għaldaqstant, l-eċċezzjoni tal-opinjoni onesta sejra tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat;

Illi, iżda, fil-fehma tal-Qorti, l-eċċezzjoni tal-opinjoni politika raġjonevoli li ġiet sollevata mill-konvenut, għalkemm m'hijiex waħda maħsuba espressament mil-liġi fil-Kap. 579, torbot sfiq mat-tieni binarju tad-difiża tal-konvenut fejn eċċepixxa illi l-pubblikazzjoni impunjata "*ma jikkostitwixxix malafama serjament preġudikanti kif trid il-liġi meta si tratta persuni fiċ-ċirkostanzi tar-rikorrent*".

**Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-fatt illi l-pubblikazzjoni impunjata fiha dikjarazzjonijiet foloz, ma jfissirx neċessarjament ukoll li dawn huma diffamatorji. L-artikolu 3(4) tal-Att jistipola li stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba.**

---

[20] **Joseph v. Spiller**, Lord Phillips, 2010, UKSC, 53 (2011) A.C. 852.

Ir-rekwiżit ta' ħsara serja jew potenzjal ta' ħsara serja, stipolat mill-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, hu fondamentali għas-suċċess ta' azzjoni għal malafama u l-Att dwar il-Midja u l-Malafama jistabbilixxi *threshold* ferm iktar oneruż u impenjattiv għas-success ta' azzjonijiet għal malafama, minn dak li kien rikjest taħt il-Liġi tal-Istampa (Kap. 248).

Skont Gatley:-

"*Whether the threshold of serious has been met is a multifactorial question, that ... will require the court to consider matters such as the nature and the inherent gravity of the allegation, whether the publication was oral or written,* ***the status and the number of publishees and whether the allegations were believed, the status of the publisher and whether this makes it more likely that the allegation will be believed*** *and the transience of the publication.*"[21]

Illi safejn jikkonċerna l-istatus tal-pubblikatur u tal-persuna aggravata, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi ż-żewġ partijiet huma persuni fil-politika li ġejjin min-naħat opposti tal-kamp politiku fejn wieħed jistenna attakki reċiproċi fuq livell politiku. L-attur innifsu, apparti li huwa ben stabbilit fix-xena politika, huwa jokkupa wkoll rwol attiv fil-komunikazzjoni tal-ideoloġija tal-Partit Laburista fil-Gvern fejn huwa d-direttur tal-kumpannija li topera l-istazzjon televiżiv tal-Partit Laburista kif ukoll ingħata pożizzjoni ewlenija fi ħdan korp stabbilit mil-liġi permezz ta' appuntament politiku dirett. Jirriżulta wkoll li huwa midħla tax-xena ta' dibattiti pubbliċi fuq mezzi tal-midja soċjali[22]. Dan kollu magħdud ifisser li l-attur hu mistenni jittollera grad ferm iktar wiesa' ta' kritika milli hija mistennija tittollera persuna privata. Fil-fatt, l-imputazzjonijiet li jitnisslu mill-*post* tal-konvenut għandhom x'jaqsmu direttament mat-twettiq tal-funzjonijiet pubblici tal-attur u l-kondotta tiegħu fuq livell politiku, u

[21] Gatley, *ibid.* 2.4, pg. 39. Emfasi tal-Qorti.
[22] Dok. PBOX, paġna 112 tal-atti tal-kawża.

ma jirreferux għall-kondotta tiegħu fil-ħajja personali jew jinċidu fuq il-privatezza tiegħu.

Fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz ta' **Feldek v. Slovakia**[23], intqal hekk in propositu:-

*74. The Court further recalls that there is little scope under Article 10 § 2 of the Convention for restrictions on political speech or on debate on questions of public interest (see Sürek v. Turkey (no. 1) [GC], no. 26682/95, § 61,ECHR 1999-IV). Moreover, the limits of acceptable criticism are wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his words and deeds by journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance (see Lingens v. Austria, judgment of 8 July 1986, Series A no. 103, p. 26, § 42, or Incal v. Turkey, judgment of 9 June 1998, Reports 1998-IV, p. 1567, § 54).*

…

*83. The Court emphasises that the promotion of free political debate is a very important feature of a democratic society. It attaches the highest importance to the freedom of expression in the context of political debate and considers that very strong reasons are required to justify restrictions on political speech. Allowing broad restrictions on political speech in individual cases would undoubtedly affect respect for the freedom of expression in general in the State concerned.*

Għalkemm il-fatt innifsu li l-persuna aggravata hija persuna pubblika u politika ma jfissirx illi kull xorta ta' pubblikazzjoni ta' allegazzjonijiet u imputazzjonijiet diffamatorji jistgħu jsiru b'impunita` u kif ġieb u laħaq, fl-istess waqt, il-karattru politiku u l-pożizzjoni pubblika tal-persuna aggravata bla dubju jinċidu fuq il-materja dwar il-karattru diffamatorju o meno tal-istqarrijiet impunjati[24] fil-każ konkret.

---

[23] App. No. 29032/95, deciz 12 ta' Lulju 2001 ECHR.

[24] *"The public position or character of a claimant is relevant to whether words complained of bear a defamatory meaning"* - **Dell'Olio v. Associated Newspapers Ltd** [2011] EWHC 3472 (QB) Tugendhat J.

Fil-fatt, in propostu intqal illi "*... right-thinking members of society, for example, may understand attacks by politicians on one another, not imputing some base, dishonourable or dishonest motive or hypocrisy, to be fair game in the context of the modern political struggle.*"[25] Fil-fatt, fil-każ in diżamina, ma jirriżultax illi l-konvenut fil-pubblikazzjoni tiegħu fejn għajjar lil-attur bħala '*politically corrupt*', għamel allegazzjoni jew imputazzjoni speċifika tal-kondotta ħażina u abbużiva li fuqha sejjes l-allegazzjoni, għajr għall-konnessjonijiet politiċi tiegħu, u fil-fehma tal-Qorti, l-imputazzjoni ġenerika ta' korruzzjoni politika minn persuna fl-isfera politika, m'hijiex kapaċi waħedha fl-isfond tal-karattru politiku u pubbliku tal-attur u mingħajr imputazzjoni speċifika tal-kondotta allegatament korrotta, tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni, u kwindi titqies bħala diffamatorja għall-attur Jason Micallef jekk ma jiġix ippruvat ukoll li l-pubblikazzjoni kellha impatt ta' ħsara sejra lir-reputazzjoni tiegħu.

Hawnhekk ikun opportun li ssir referenza għall-insenjament fid-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit fil-każ ċelebri **Bruno Lachaux v. Independent Print Ltd et**, in tema tal-kriterji ġodda stabbiliti fl-artikolu 1 tad-Defamation Act 2013 (l-ekwivalenti tal-artikolu 3(4) tal-Att domestiku) għall-azzjonabbilita' tal-malafama:-

*"... section 1 necessarily means that a statement which would previously have been regarded as defamatory, because of its inherent tendency to cause some harm to reputation, is not to be so regarded unless it "has caused or is likely to cause" harm which is "serious". The reference to a situation where the statement "has caused" serious harm is to the consequences of the publication, and not the publication itself. It points to some historic harm, which is shown to have actually occurred. This is a proposition of fact which can be established only by reference to the impact which the statement is shown actually to have had.* ***It depends on a combination of the inherent tendency of the words and their actual impact on those to whom they were***

[25] Ara **Waterson v. Lloyd** [2013] EWCA Civ. 136, paras. 42, 66.

***communicated***. *The same must be true of the reference to harm which is "likely" to be caused.*[26] (emfasi tal-Qorti)

Dan ifisser li bl-introduzzjoni tal-kriterju ta' ħsara serja u telf finanzjarju serju għall-prova tad-diffamazzjoni, **jeħtieġ li jiġi ppruvat mhux biss in-natura diffamatorja tal-kliem jew stqarrijiet pubblikati, iżda wkoll l-impatt negattiv ikkaġunat b'effett tal-pubblikazzjoni**, u għalhekk, mhux biżżejjed li l-karattru diffamatorju tal-istqarrija impunjata jiġi stabbilit biss b'referenza għat-tifsira tal-kliem u t-tendenza inerenti tagħhom li jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata. Illum, għas-suċċess tal-azzjoni jeħtieġ addizzjonalment li l-persuna aggravata jiddemostra bħala fatt, anke permezz ta' inferenza ta' fatt, illi l-ħsara kkawżata mill-pubblikazzjoni kienet serja jew hi potenzjalment serja[27].

Għalhekk, il-Qorti trid tgħaddi biex tistabbilixxi jekk il-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur hijiex sodisfatta bil-prova jew bl-inferenza ta' fatt li l-impatt tal-pubblikazzjoni kien wieħed ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur.

Fil-fehma tal-Qorti, ir-risposta hi fin-negattiv.

Ibda biex l-attur naqas b'mod assolut milli juri li d-dikjarazzjoni tal-konvenut ġie pubblikat lil u waslet għand numru sostanzjali ta' persuni. Prova bħal din fil-fehma tal-Qorti hija determinanti għall-prova tal-kriterju tal-ħsara serja ċioe' l-prova li l-pubblikazzjoni tal-istqarrija allegament malafamanti ikkaġunat ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata. Fil-każ in diżamina, l-istqarrija ma ġietx ippubblikata fuq mezz tal-midja tal-massa (*mass media*) ċioe' fuq gazzetta jew mezzi tradizzjonali tal-istampa jew fuq *online news portal* fejn l-aċċess għal midja bħal dawn huwa liberu u mhux limitat u teżisti presunzjoni ta' ċirkolazzjoni u qari estensiv u fejn, allura, ma jeħtieġx li tinġieb prova konkreta tal-firxa tal-pubblikazzjoni.

[26] Paragrafu 14 tad-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit **Bruno Lachaux v. Independent Print Ltd et**.
[27] Ibid. para. 21 tad-deċiżjoni.

L-istqarrija ġiet ippubblikata fuq il-paġna tal-konvenut fuq Facebook mingħajr ebda prova li l-*post* impunjat ġie pubblikat lil udjenza sinjifikanti, jew lil klassi ta' persuni li għad ta' numru żgħir, l-effett tad-dikjarazzjoni jkun ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur. Fil-fatt, ma ġie riskontrat ebda prova dwar in-numru ta' persuni li kienu jsegwu l-profil tal-konvenut fuq Facebook dak iż-żmien, biex jintwera li l-konvenut għandu numru mdaqqas ta' "*friends*" fuq Facebook u speċifikatament li l-*post* ippubblikat minnu inqara minn numru sostanzjali ta' persuni.

Huwa minnu li l-konvenut huwa attiv fix-xena politika iżda għall-Qorti dan ma jfissirx neċessarjament illi l-pubblikazzjoni fuq il-paġna tiegħu fuq Facebook kellha udjenza sinjifikanti, wisq inqas li din inqrat minn numru sostanzjali ta' persuni jew minn persuni. Il-Qorti tqis illi n-normi ġenerali tal-liġi tad-diffamazzjoni japplikaw ugwalment għal pubblikazzjonijiet fuq Facebook u pjattaformi oħrajn ta' komunikazzjoni fuq midja soċjali, iżda diversament minn pubblikazzjonijiet fuq gazzetta jew *online news portal* fejn hemm inferenza ta' pubblikazzjoni u ċirkolazzjoni estensiva, f'każ ta' pubblikazzjonijiet fuq mexxi tal-midja soċjali jrid jintwera illi l-pubblikatur għandu udjenza estensiva u lil-istqarrija impunjata waslet għand firxa wiesa' ta' qarrejja jew li rċieva numru konsiderevoli ta' *likes* jew *views* – ħaġa li tista' tkun indikattiva tal-livell tal-ħsara reputazzjonali. In mankanza ta' prova konklussiva fir-rigward, il-Qorti ma tistax tinferixxi li din id-dikjarazzjoni waslet għall-attenzjoni jew ġew ċirkolati b'mod estensiv b'mod li hija ppruvata pubblikazzjoni fuq skala wiesa' biżżejjed biex tissostanza l-allegazzjoni li l-attur, anke fil-qies tal-karattur politiku pubbliku tiegħu, sofra ħsara reputazzjonali sejra b'riżultat tal-pubblikazzjoni. Il-Qorti ma tiddeċidix fuq assunzjonijet u konġetturi u n-nuqqas tal-prova tal-pubblikazzjoni fuq skala jew b'mezz li tnissel inferenza ta' ħsara sejra jista' jkun ostakolu għall-prova ta' ħsara serja lir-reputazzjoni u kwindi għas-suċċess tal-azzjoni.

Fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fil-każ **Lachaux v. Independent Print Limited** (2017)[28], ġie trattat l-ipotesi fejn, indipendentement mit-tifsira diffamatorja tal-kliem

[28] EWCA Civ. 1334

impunjati, il-kejl ta' ħsara reputazzjoni serja ma jintlaħaqx, per eżempju fejn in-numru ta' persuni li lilhom ġiet ippubblikata l-allegat malafama tkun minima jew limitata ħafna u ma jiġix ippruvat illi din ġiet perkolata b'mod li kellha l-impatt li tnaqqas l-istima tal-persuna aggravata f'għajnejn persuni oħrajn.

Fuq kollox, fix-xhieda tiegħu l-attur baqa' ma semma assolutament xejn fir-rigward ta' xi impatt li l-pubblikazzjoni impunjata kellha fuq ir-reputazzjoni tiegħu, għajr għall-possibbilita' li din tista' potenzjalment tfixkel il-prospetti politiċi tiegħu peress illi ma jeskludix li fil-futur jikkontesta elezzjonijiet oħrajn. Lanqas fisser b'mod konkret kif l-istqarrijiet impunjati ikkaġunaw jew jistgħu jikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tiegħu bħala direttur ta' One Productions Limited u ta' kumpanniji kummerċjali oħrajn, u ma ġab ebda prova kwalsiasi li tikkostitwixxi inferenza ta' fatt li saret jew tista' ssir ħsara sejra lir-reputazzjoni tiegħu.

Għall-Qorti, dan kollu magħdud ifisser illi l-attur naqas milli jipprova kif imiss ir-rekwiżit tal-ħsara serja lir-reputazzjoni tiegħu, u baqa' ma pprovax lanqas xi inferenza ta' fatt dwar ħsara serja lir-reputazzjoni tiegħu. Nuqqas li fil-fehma tagħha għandu jitqies bħala ostakolu fondamentali għall-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni kif meħtieġ espressament mil-liġi u kwindi, għas-suċċess tal-azzjoni f'dan il-każ.

**Għal dawn il-motivi kollha, taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tilqa' dik il-parti mill-eċċezzjoni tal-konvenut Paul Borg Olivier fir-Risposta tiegħu limitatament safejn ġie eċċepit illi l-pubblikazzjoni ma tikkaġunax ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur, tiċħad it-talbiet ta' JASON MICALLEF fir-Rikors promotur, bl-ispejjeż ikun a karigu tal-istess attur.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**